Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,896, 16 ta' Ottubru, 1981

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XLVIII ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.

ACT No. XLVIII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

16 ta' Ottubru, 1981

ATT Nru. XLVIII ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "aġent ta' l-ivvjaġġar", minnufih wara l-kliem "l-industrija tat-turiżmu" għandhom jidħlu l-kliem "u tinkludi kull persuna li b'xi mod ikun li jkun torganizza *tours* organizzati," u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "talloka" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*Tour* organizzat" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1981 dwar Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi).".

Att Nru. XLV ta' l-1981

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 543 tat-12 ta' Ottubru, 1981.

CALCIDON AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati